

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2418**tat-18 ta' Diċembru 2015****li temenda d-Deċiżjoni 1999/352/KE, KEFA, Euratom li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 249 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 65 u 197 tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 65 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, il-Kummissjoni hija responsabbli li tindika l-persunal li lillu tiddelega d-dmirijiet, il-kamp ta' applikazzjoni tal-poteri ddelegati u l-limiti stabbiliti għal delega lill-uffiċjali awtorizzanti. Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra b'mod xieraq ir-responsabbiltà politika globali tagħha għall-ġestjoni tal-baġit tal-UE.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, is-Segretarjat tal-Kumitat ta' Sorveljanza għandu jibqa' jiġi pprovdut mill-OLAF, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Kumitat ta' Sorveljanza, u d-Direttur Ġenerali tal-OLAF għandu jibqa' l-uffiċjal awtorizzanti b'delega għall-approprijazzjonijiet kollha relatati magħhom. Id-Direttur Ġenerali tal-OLAF jista' jissottodelega daww is-setgħat lill-membri tal-persunal suġġetti għar-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni.
- (3) F'konformità mal-ħtieġa biex tiġi żgurata sistema effettiva ta' kontroll intern, skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u sabiex tiġi evitata l-preżenza ta' interferenza possibbli mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi fid-dmirijiet tal-membri l-Kumitat ta' Sorveljanza tiegħu, għandu jiġi definit qafas xieraq għall-implimentazzjoni tal-approprijazzjonijiet relatati mal-membri tal-Kumitat ta' Sorveljanza. B'mod partikolari, id-delega tas-setgħat tal-uffiċjali awtorizzanti relatati mal-membri għandha tkun organizzata b'tali mod biex tipprevjeni l-interferenza possibbli.
- (4) Din id-Deċiżjoni tibda tapplika fl-1 ta' Jannar 2016, flimkien mal-Anness I il-ġdid għar-Regoli interni. Għalhekk għandha tidħol fis-seħħ mill-aktar fis possibbli.
- (5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/352/KE, KEFA, Euratom ⁽³⁾ għandha għalhekk tiġi emendata skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni 1999/352/KE, KEFA, Euratom, il-paragrafu 3 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"3. Ħlief għall-implimentazzjoni tal-approprijazzjonijiet relatati mal-mandat tal-membri tal-Kumitat Superviżorju, id-Direttur Ġenerali għandu jaġixxi bħala uffiċjal awtorizzanti b'delega għall-implimentazzjoni tal-approprijazzjonijiet

⁽¹⁾ ĠUL 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠUL 248, 18.9.2013, p. 1).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/352/KE, KEFA, Euratom tat-28 ta' April 1999 li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠUL 136, 31.5.1999, p. 20).

inklużi fl-anness li jikkonċerna l-Uffiċċju tat-taqsimi tal-Kummissjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea u l-appropriazzjonijiet imdaħħla fl-intestaturi tal-baġit dwar il-ġlieda kontra l-frodi li dwarhom jiġu delegati setgħat lilu jew lilha fir-regoli interni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali. Huwa jew hija j/tkun awtorizzat/a li j/tissotto-delega s-setgħat tiegħu/tagħha lill-membri tal-persunal suġġetti għar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-oħra tal-Unjoni skont dawk ir-regoli interni.”

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Tapplika mill-1 ta' Jannar 2016.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER
